MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2015

Numru. 77/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**Vs**

**Hussein Salad Hassan**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront ta' Hussein Salad Hassan ta' tnejn u tletin (32) sena , iben Salad Hassan u Aderali, imwieled is-Somalia fit-22 ta' Novembru 1982 u prezentement residenti gewwa Hal Far Open Centre, u detentur tan-numru moghti mill-Pulizija 14E-257:

1. Talli fl-24 ta' Jannar 2015 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer meta kellu fil-pussess tieghu dokument mahrug minn awtorità kompetenti, cioé passaport ta' Franza 13ZX43323 u Residence Permit Card Franciza bin-numru 2FJZFV9Q6, mahruga f'isem Jamac Siciid Jamac, ittrasferixxa dan id-dokument lil persuna ohra jew ircieva dokument li gie ittrasferit lilu minn persuna ohra bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 3 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel uzu jew ittanta jaghmel uzu minn dokument mahrug lil persuna ohra, cioé dak diga imsemmi bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 4 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ta prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap.217 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri;
Rat li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli: (1) fl-24 ta' Jannar 2015 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer meta kellu fil-pussess tieghu dokument mahrug minn awtorità kompetenti, cioé passaport ta' Franza 13ZX43323 u Residence Permit Card Franciza bin-numru 2FJZFV9Q6, mahruga f'isem Jamac Siciid Jamac, ittrasferixxa dan id-dokument lil persuna ohra jew ircieva dokument li gie ittrasferit lilu minn persuna ohra bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 3 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta; u aktar talli (2) matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel uzu jew ittanta jaghmel uzu minn dokument mahrug lil persuna ohra, cioé dak diga imsemmi bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 4 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta; u aktar talli (3) matul l-

istess zmien, lok u cirkostanzi ta prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap.217 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat ammetta ghall-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssibu hati ta' tali akkuzi.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat kif ukoll ic-cirkostanzi li wasslu lill-imputat biex iwettaq ir-reati addebitati lilu u minnu ammessi.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 3 u 4 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu, il-Qorti tikkundannah ghal perijodu ta' sitt (6) xhur prigunerija, izda peress illi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz jissussitu ragunijiet validi in bazi ghal liema tali terminu ta' prigunerija jigi sospiz ai termini tal-Ligi, fosthom l-ammissjoni bikrija registrata mill-imputat u c-cirkostanzi li wassluh biex wettaq ir-reati addebitati lilu u minnu ammessi, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tissosspendi dan it-terminu ta' sitt (6) xhur prigunerija ghal perijodu sena (1) b'effett millum.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 534AD tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti infurmat lill-imputat bid-dritt tieghu li jinghata kopja tas-sentenza f'lingwa li jifhem, izda l-imputat iddikjara li huwa sodisfatt bit-traduzzjoni orali li nghatatlu tas-sentenza waqt is-seduta tal-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------